**ID-DEĊIŻJONI Nru 46/2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT SKONT IL-FTEHIM TA' GĦARFIEN REĊIPROKU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA**

**tal-1 ta' Marzu 2017**

**relatata mal-elenkar ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Anness Settorjali dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni [2017/466]**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 14;

Billi l-Kumitat Konġunt irid jieħu deċiżjoni li jelenka Korp jew Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità taħt Anness Settorjali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità fl-Hemża A qed jiżdied mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar it-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni.
2. Il-kamp ta' applikazzjoni speċifiku tal-elenkar, fir-rigward ta' prodotti u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità indikati fl-Hemża A, ġew miftiehma mill-Partijiet u se jinżammu minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f'żewġ kopji, għandha tiġi ffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati joperaw f'isem il-Partijiet għall-finijiet ta' emendar tal-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ minn dakinhar li ssir l-aħħar waħda minn dawn il-firem.

*F'isem l-Istati Uniti tal-Amerika*
James C. SANFORD
Iffirmat f'Washington DC, fit-13 ta' Frar 2017

*F'isem l-Unjoni Ewropea*
Ignacio IRUARRIZAGA
Iffirmat fi Brussell, fl-1 ta' Marzu 2017

*Hemża A*

**Korp għall-Valutazzjoni tal-Konformità tal-KE miżjud mal-lista ta' Korpi għall-Valutazzjoni tal-Konformità fil-kolonna "Aċċess tal-KE għas-suq tal-Istati Uniti" fit-Taqsima V tal-Anness Settorjali dwar t-Tagħmir tat-Telekomunikazzjoni**

| |
|---|
| AT4 wireless S.A.U.<br>Parque Tecnológico de Andalucía<br>C/Severo Ochoa 2 y 6<br>29590 Málaga<br>SPANJA |